MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Numru 350/1991

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bartholomeo Mula)**
**(Supretendent Pierre Calleja)**

**vs**

**Noel Borg, Massimo Aufieri u Alan Donnelly**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputati fuq l-imputazzjonijiet kif ser jinghad:

**Lil Noel Borg u Massimo Aufieri** wahedhom illi b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

a) talli f'Hal-Balzan fil-lejl ta' bejn it-30 ta Jannar 1991 ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-fond Auberge san Anton Block B Flat 3 sitwat fit-triq il-Ferrovija l-Qadima Balzan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin liema serq sar ghad-detriment tal-management tal-Bakoush Services Limited ta' Hal Balzan.
b) Talli f'Bugiba limiti ta' San Pawl il-Bahar, fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta'April 1991, ikkommettew serq ta' diversi oggetti konsistenti fi fliexken tax-xorb spirituz, TV set tal-kulur, tal-marka Salora, zewg portable radios, zewg cameras tar-ritratti, beach stereo set, zewg walkmans u zewg hair dryers, l-ammont ta' 48 wrist watch, kwantita ta' films tar-ritratti u oggetti ohra mill-fond u cioe mill-hanut li jgib l-isem ta' Agius Souvenirs, sitwat fit-triq il-Pijunieri f'Bugibba liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur lok u hin ghad-detriment ta' Joseph Agius minn Burmarrad.
c) Talli f'Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar, fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' April 1991, ikkommettew serq ta' xorb spirituz , sigaretti, cameras tar-ritratti, arloggi tal-idejn, Walkmans u bolli tal-posta u xi oggetti ohra mill-fond u cioe mill-hanut Agius Tours sitwat fi Triq il-Pijunieri f'Bugibba liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u lok ghad-detriment ta' Joseph Agius minn Burmarrad.
d) Talli f'Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar, fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' April 1991, bil-hsieb li jikkommettu reat (serq) ta' diversi oggetti mill-fond u cioe mill-hanut li jgib l-isem ta' Stars Souvenirs sitwat fit-Triq il-Pijunieri f'Bugibba urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u lok liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom ghad-detriment ta' John Agius minn Burmarrad.
e) Talli f'San Pawl il-Bahar fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Mejju 1991, ikkommettew serq ta' flus fl-ammont ta' madwar mitt lira maltin (LM100) f'muniti lokali kif ukoll l-ekwivalenti ta' madwat tlett mija u tletin liri maltin (LM300) f'karti ta' flus taljani, sigaretti, u fliexken ta' xorb spirituz mill-fond u cioe minn Attard and Grima Self Service Store sitwat f'Parades street, san Pawl il-Bahar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment ta' Simon Attard mill-Imgarr Malta.

f) Talli matul l-itess lejl u cioe bejn it-2 u it-3 ta’ Mejju 1991 f’Bugibba limiti ta’ san Pawl il-Bahar mill-fond u cioe mill-hanut li jgib l-isem ta’ CI Square sitwat fi Triq il-Qroll, Bugibba, ikkommettew serq ta’ diversi fliexken ta’ xorb spirituz, sigarri u sigaretti, Sun Tan lotions, sapun, toys csssette tapes, oggetti tal-ikel (preserves) u xi flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u sar ghad-detriment ta’ Martin Farrugia minn H’Attard.

g) Talli f’H’Attard, matul il-lejl ta’ bejn it-2 u it-3 ta’ Lulju 1991 mill-fond u cioe l-M4 Supermarket sitwat fi Triq il-Mosta, H’Attard, ikkomettew serq ta’ diversi fliexken ta’ xorb spirituz, somma flus kif ukoll diversi oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u dan ghad-detriment ta’ Mark Sergeant minn Marsaskala u Louis Sergeant minn Santa Lucia.

**Lil Noel Borg, Massimo Aufieri, u lil Alan Donnelly:**

h) Talli fil-qasam industrijali ta’ San Gwann, limiti ta’ Birkirkara, fil-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Lulju 1991 bil-hsieb li jikkomettu reat ta’ serq mill-fond u cioe mill-fabbrika Austria Tabacco Limited (Milde Sorte) sitwata fl-imsemmi qasam industrijali, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndependenti mill-volonta taghhom, liema tentattiv ta’ serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u bil-vjolenza numerika ghad-detriment tal- management tal-istess fabbrika.

i) **Lil Noel Borg u Massimo Aufieri** talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’rezoluzzjoni wahda, f’diversi postijiet f’dawn il-gzejjer volontarjament hassru, ghamlu hsara hjew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe bibien, twieqi, serraturi u katnazzi taghhom liema hsara tammonta ghal aktar minn LM50 izda ma tiskorrix il-Lm500 ghad-dannu ta’ diversi persuni.

j) **Lil Noel Borg u Massimo Aufieri** talli fl-Imsida u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer xjentement laqghu ghandhom, jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati

b'reat u cioe l-oggetti misruqa fir-reati precedentement dedotti liema reati gew kommessi f'dawn il-gzejjer (Malta) jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 343 tal-istess atti li biha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) kif ser jinghad:

<u>Fil-konront ta' Massimo Aufieri fl-artikoli:</u>
a) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279, tal-Kodici Kriminali.
b) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279, tal-Kodici Kriminali
c) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279, tal-Kodici Kriminali
d) 41 (1) (a), 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279, tal-Kodici Kriminali
e) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279, tal-Kodici Kriminali
f) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279, tal-Kodici Kriminali.
g) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 279, tal-Kodici Kriminali
h) 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c) (e) (f), 262 (1) (b), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 276, 277, 278 (1) (2) (3), 279, tal-Kodici Kriminali
i) 18, 325 tal-Kodici Kriminali.
j) 334 tal-Kodici Kriminali.
k) 533 tal-Kodici Kriminali.

<u>Fil-konfront ta' Noel Borg fl-artikoli:</u>
a) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali
b) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali
c) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali
d) 41 (1) (a), 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali
e) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali

f) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali
g) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali
h) 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c) (e) (f), 262 (1) (b), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 276, 277, 278 (1) (2) (3), 279 tal-Kodici Kriminali.
i) 18, 325 tal-Kodici Kriminali.
j) 334 tal-Kodici Kriminali.
k) 533 tal-Kodici Kriminali.

**Fil-konfront ta' Alan Joseph Donnelly**

a) 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c) (e) (f), 262 (1) (b), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 276, 277, 278 (1) (2) (3), 279 tal-Kodici Kriminali.
b) 533 tal-Kodici Kriminali.

Iddecieda li jibghat lill-istess imputati sabiex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputati.

Semghet lill-imputati kollha jiddikjaraw li ma ghandhomx tali oggezzjoni (fol 342 u 348 tal-istess atti).

Semghet lill-akkuzat **Alan Joseph Donnelly jammetti** l-akkuzi kollha kontra tieghu (fol 342 ibid).

Semghet lill-akkuzat **Massimo Aufieri jammetti** wkoll l-akkuzi kollha kontra tieghu (fol 348 ibid).

Semghet lill-akkuzat Noel Borg minn jeddu (fol 352 et seq ibid) kif ukoll ix-xhud prodott minnu.

Semghet lill-akkuzat Massimo Aufieri minn jeddu (fol 376 et seq ibid).

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk ghandu jerga jinghad li l-akkuzati Alan Joseph Donnelly u Massimo Aufieri ammettew l-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom waqt li, kif jirrizulta mix-xhieda tal-akkuzat Noel Borg (fol 352 et seq ibid) dan stqarr, taht gurament, li kien involut biss fit-tentattiv ta' serq mill-fabbrika "Austria Tabak" sitwata f'san Gwann kif ukoll bis-serqa mill-istabbiliment kummercjali bl-isem ta' "M4" li jinsab f'Casal Attard.

Ikkunsidrat

Illi dan premess, gew ghalhekk analizzati l-provi prodotti kollha sabiex l-istess Qorti tara jekk dawn humiex sufficjenti kemm fuq bazi ta' fatt kemm skond il-Ligi "in materia" sabiex l-istess Noel Borg jista jinstab hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu skond l-artikoli tal-Avukat Generali. Dawn il-provi huma is-segwenti:

a) skond kif xehed l-ufficjal prosekutur is-Supretendent Bartholomeo Mula (fol 35 u fol 105 ibid) il-kazijiet in ezami bdew jigu nvestigati wara li fid-9 ta' Lulju 1991 ghall-habta tas-1.30 am, PS 432 Peter Bonavia u PC 1201 Joseph Cassar kienu qed jippattuljaw gewwa l-qasam industrijali ta' san Gwann u hawnhekk kienu waqqfu tlett zaghzagh ghal accertamenti fosthom l-akkuzati Borg u Donnelly. Fl-istess waqt dawn il-pulizija kienu rcevew messagg mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija, fis-sens li l-'alarm' fil-fabbrika "Austria Tabak" sitwata fl-istess qasam industrijali kienet qed iddoqq. Ghalhekk l-istess pulizija hallew lit-tlett zaghzagh imorru wara li kienu biss hadu il-'particulars' ta' tnejn minnhom u marru sabiex jinvestigaw. Meta waslu fuq il-post imsemmi, gie rilevat u kostatat minnhom li kien hemm zewg bibien sgassati, wiehed minnhom fin-naha ta' gewwa tal-istess fabbrika u bhala konsegwenza tal-istess sgass, kienet qed tiffunzjona l-'alarm' imsemmija. Hawnhekk huma rrejalizzaw li f'dan il-kaz setghu kienu involuti t-tlett zaghzagh imsemmija. Ghalhekk assistiti minn pulizija ohrajn gew arrestati tnejn mill-akuzati, ossija Noel Borg u Alan Joseph Donnelly u dawn ittiehdu fl-istess Kwartieri fejn gew interrogati mill-istess Ufficjal Prosekutur. Hawnhekk iz-zewg akkuzati rrilaxxaw stqarrija kull wiehed (Dok BM 1 u Dok BM 2 a fol 51 u fol 57 tal-atti) minn fejn jidher li Noel Borg, tista tghid, ma

wiegeb ghal ebda mistoqsija li saritlu waqt li Alan Donnelly irrakonta dak kollu li gara, vis-a-vis il-fabbrika hawn fuq imsemmija. Sussegwentement, fl-istess gurnata li fiha gew rilaxxati dawn l-istqarrijiet, waqt l-investigazzjoni ta' dan il-kaz, irrizulta li seta kien hemm involut l-akkuzat l-iehor Massimo Aufieri, li gie wkoll arrestat u rrilaxxa l-istqarrija annessa mal-atti a fol 59 u mmarkata Dok BM 3 u fiha spjega l-involviment tieghu fil-kaz ta' tentattiv ta' serq mill-istess fabbrika. Wara li rega gie interrogat l-istess Donnelly (Dok BM 4 a fol 46 et seq ibid), fl-istess waqt, wara konfront bejn l-imsemmi PS 432 Peter Bonavia u l-akkuzat Noel Borg inhasset il-htiega ta' interrogatorju iehor tal-istess akkuzat u dan irrilaxxa t-tieni stqarrija tieghu li tinsab annessa mal-atti a fol 66 ibid u mmarkata bhala Dok BM 5. Hawnhekk it-tlett akkuzati gew rilaxxati mill-istat ta' arrest li kienu fih waqt li l-Ufficjal Prosekutur investiga serqiet ohra li kienu sehhu f'diversi postijiet, izda li fihom kien intuza l-istess 'modus operandi' bhal fil-kaz imsemmi. Ghalhekk fit-13 ta' Lulju 1991 kien gie interrogat mill-gdid Massimo Aufieri li rrilaxxa l-istqarrija mmarkata Dom BM 6 a fol 69 tal-atti u li fiha stqarr l-involviment tieghu f'diversi serqiet. L-istess gara fil-konfront tal-akkuzat Noel Borg kif jidher minn zewg stqarrijiet ulterjuri (Dok BM 7 u Dok BM 8 a fol 74 u fol 79 tal-atti rispettivament).

b) Sussegwentement l-investigazzjonijiet komplew billi l-pulizija tkellmet ma' diversi derubati li kienu sfaw vittmi ta' serq fil-granet u dati specifikati fl-akkuzi kif ukoll ma' persuni ohra li allegatament kienu akkwistaw oggetti minghand l-akkuzat Noel Borg. Fost dawn kien hemm certu <u>Carmelo Camilleri</u> li kien xtara oggetti tax-xorb minghand l-istess akkuzat u li kien gie informat mil-istess akkuzat li dan ix-xorb kien ta' bniedem li kien qed ixolji stabbiliment kummercjali u kien qed ibiegh l-'istock' kollu . Mill-istess investigazzjoni kien irrizulta li dan Camilleri kien impjegat fl-istess post fejn kien jahdem l-akkuzat Noel Borg. In oltre fost l-oggetti li gew elevati minn idejn l-istess Camilleri kien hemm tlett fliexken ta' xorb spirituz li kienu parti mir-refurtiva ta' zewg serqiet li kienu gew kommessi minn stabbiliment f'Bugibba matul April 1991. Dan kien irrizulta minn dak spjegat fit-tieni paragrafu a fol 45 u fol 46 kif ukoll a fol 105 et seq ibid. Persuna ohra li

giet interrogata wkoll mill-pulizija kien certu Louis Borg li kien ukoll impjegat fl-istess post fejn kien jahdem Noel Borg. Dan kien gie avvicinat minn dan, presenti zewg impjegati ohrajn, in konnessjoni wkoll ma’ xorb alkoholiku u sigaretti. Di fatti hu kien xtara kwantita ta’ fliexken ta’ ‘whisky’ minghand dan l-akkuzat fil-prezz ta’ LM104 liema akkuzat kien irrakontalu dak li kien qal diga l-akkuzat iehor imsemmi. Bl-istess dinamika certu Emanuel Pace impjegat ukoll fl-istess stabbiliment li fih kien jahdem Noel Borg kien akkwista diversi fliexken ta’ ‘whisky’ minghand dan bil-prezz ta’ LM4 kull flixkun kif ukoll sigaretti. In rigward dawn il-persuni li kienu akkwistaw l-oggetti msemmija minghand Noel Borg, kollha kienu informaw lill-pulizija li kienu gew assikurati li l-istess xorb u sigaretti kienu kollha ta’ origini legittima u legali (ara wkoll ix-xhieda tas-supretendent Pierre Calleja a fol 86 u 87 ibid).

c) Il-prosekuzzjoni, in sostenn ta’ dak premess li hu sintesi tal-investigazzjonijiet tal-kazijiet ta’ serq in desamina, ipproduciet diversi xhieda u dokumenti vis-a-vis l-akkuzi fil-konfront ta’ Noel Borg.

d) PC 432 Peter Bonavia (fol 108 et seq ibid) spjega kif kien involut fl-arrest tal-istess Noel Borg fil-lejl ta’ bejn it-8 u id-9 ta’ Lulju 1991 fil-lokalita tal-qasam industrijali ta’ san Gwann u dan wara li dan kien instab f’din il-lokalita ghall-habta tas-1.30 am, l-istess xhud kien gie informat mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija li l-‘alarm’ fil-fabbrika bl-isem ta’ “Austria Tabak” kien qed iddoqq. Jigi nnotat li flimkien ma’ Noel Borg kienu gew arrestati l-akkuzati l-ohrajn Massimo Aufieri u Alan J Donnelly. In oltre, meta kien ra, ghall-ewwel darba, it-tlett akkuzati, dawn kienu madwar hamsin pass mill-imsemmija fabbrika. In rigward Noel Borg, ix-xhud spjega li dan volontarjament kien qallu li kien dahal fl-istess fabbrika sabiex jiehu “xi ftit sigaretti” (ara wkoll dak li xehed PC 1201 Joseph Cassar a fol 122 et seq ibid).

e) Anthony Attard (fol 148 u fol 237 et seq ibid) spjega li hu kien impjegat mal-istess ditta li maghha kien jahdem Noel Borg u dan bhala ‘personnel manager’. Dan gie prodott in konnesjoni mal-attendenza fuq ix-xoghol tal-istess akkuzat bejn l-1 ta’ Jannar 1991 u l-10 ta’ Awissu 1991. Pero hawnhekk wara li x-xhud spjega x’kienet u kif kienet tiffunzjona s-sistema vigenti in konnessjoni ma’

‘duties’ fid-dipartiment li fih kien jahdem dan l-akkuzat specjalment dak li kien jinvolvi ‘rosters’, ‘leave’ u flessibilita fl-istess sistema “fis-sens illi tinghata l-opportunita da parti taghna sabiex impjegati jbiddlu bejnithom”, l-istess xhieda giet sospiza minhabba dak verbalizzat a fol 96 u 97 tal-atti. Sussegwentement l-istess xhud esebixxa dokument konsistenti f’hames faccati u mmarkat Dok AA li fih gew spjecifikati l-‘off days from work’ tal-istess Noel Borg bejn l-1 ta’ Jannar 1991 sal-11 tal-Awissu 1991 (ara fol 241 u 242 tal-atti). L-istess xhud spjega li stante li dan l-akkuzat kien impjegat bhala ‘security officer’ fl-istess granet hemm specifikati bhala ta’ mistrieh kien qed kien qed jirreferi “ghal meta ma hadimx bil-lejl”.

f) Diga ssemmew tlieta minn nies li allegatament akkwistaw xorb alkoholiku u sigaretti minghand l-istess Noel Borg. Emmanuel Pace (fol 160 et seq ibid). Dan spjega li fil-perjodu in kwistjoni hu u Noel Borg kienu impjegati fl-istesss stabbiliment u kkonferma li kien xtara tmin fliexken ta’ ‘whisky’ ta’ certa marka minghand l-istess akkuzat bil-prezz ta’ LM4 il-flixkun kif ukoll hames grossos ta’ sigaretti bil-prezz ta’ LM4 il-grossa. L-istess xhud kien staqsa jekk dawn l-oggetti kienux misruqin u l-akkuzat kien wiegbu “...... li kien hemm xi hanut li kien ghalaq”. In oltre l-istess xhud semma li dan l-akkuzat kellu “xi affarijiet ohra ghall-bejgh pero min xtara dawn l-oggetti ma nafx”.

g) Louis Borg (fol 163 et seq ibid) ikkonferma li kien xtara minghand l-istess akkuzat madwar 26-il flixkun ta’ ‘whisky’ ta’ certa marka bil-prezz ta’ LM4, liema xorb flimkien ma’ xi sigaretti kien rah fuq bank tal-‘canteen’ tal-istabbiliment, fejn l-istess xhud u akkuzat kienu impjegati flimkien, u, tista tghid, espost ghal pubbliku u “... kull hadd hemmhekk kien qed jittawwal lejn dan ix-xorb”. Dan ix-xhud kien ghamel l-istess domanda lill-akkuzat li da parti tieghu kien wiegeb li x-xorb ma kienx misruq anzi kien ta’ guvnott li dak il-hin kien mieghu u kellu “xi hanut li ried jaghlqu”. B’kollox ix-xhud specifika li kien nefaq LM116 izda kien ta lura zewg fliexken ta’ ‘whisky’ ghar-raguni imsemmija fl-istess xhieda u giet rifuza lilu s-somma ta’ LM8.

h) Carmel sive Charles Camilleri (fol 167 et seq ibid) xehed fis-sustanza l-istess bhall Louis Borg u Emanuel

Pace fis-sens li Noel Borg kien qallu li kellu xi xorb ghal bejgh, liema xorb “.. kien ta’ habib tieghu, li kellu grocer li kien ghalaq” u skond ma assikurah l-istess Noel Borg ma kienx “jahraq”. Hu kien xtara minghand dan seba’ kaxxi ta’ ‘whisky’ u xorb alkoholiku iehor. F’kull kaxxa kien fiha tnax il-flixkun u dan bil-prezz ta’ LM4 il-flixkun, b’kollox madwar LM350 bhala prezz totali. In rigward il-konsenja, ix-xhud iddeskriva kif din saret fil-lokalita hemm imsemmija u da parti tal-istess akkuzat bl-ghajnuna ta’ habib ta’ dan. Sussegwentement waqt l-investigazzjonijiet li saru mill-pulizija, ix-xhud kien ta lill-ufficjal prosekutur tlett fliexken ta’ “Apricot Brandy” u bil-‘price tag’ formanti parti minn dawk akkwistati minnu minghand dan l-akkuzat (Ara wkoll ix-xhieda ta’ <u>PC 1524 Paul Muscat</u> a fol 102 u a fol 103 ibid).

i) <u>Persuni derubati</u> gew prodotti wkoll sabiex jixhdu fosthom <u>Mark u Louis Sergeant</u> (fol 152 u fol 156 et seq ibid rispettivament). Dawn jiggestixxu l-istabbiliment kummercjali bl-isem ta’ “M4” gewwa H’Attard. Dawn spjegaw li matul Gunju 1991, l-istess ‘supermarket’ kien gie misruq billi, wara li gie sgassat, matul il-lejl, wiehed mill-bibien tieghu, kienu nsterqu madwar mitejn flixkun ta’ xorb alkoholiku bi prezz, bl-imnut, ta’madwar LM5 il-wiehed kif ukoll madwar LM600 fi flus kontanti (Ara wkoll fl-Inkjesta r-rapport maghmul lill-pulizija a fol 118 tal-istess atti kif ukoll il-‘process verbal’ a fol 185 ibid).

j) <u>Joseph Agius</u> (fol 172 et seq ibid) jiggestixxi stabbiliment iehor kummercjali f’Bugibba, liema hanut kien gie misruq bejn l-4 u l-5 ta’ April 1991 matul il-lejl, billi kien gie sgassat il-bieb ta’ barra. Jigi nnotat li l-istess hanut, madwar erbat’ijiem wara, kien rega gie misruq bl-istess dinamika, u dan billi gie sgassat bieb iehor. L-istess xhud ikkonferma dak li diga sar accenn ghalih fis-sens li l-pulizija kienu wrewh ‘price tag’ imwahhla ma’ flixkun. Din it-‘tag’ fil-fatt kellha numru stampat hazin. Difatti il-magna tieghu, li kienet tistampa dawn il-prezzijiet, kienet difettuza ghal certu perjodu ta’ zmien, fis-sens li kellha ‘setting’ hazin u b’hekk “... il-prezz kien jidher tajjeb, pero kien jidher ftit imressaq fuq il-gemb”. A bazi ta’ dan, ix-xhud minn tlett flixken ta’ xorb alkoholiku esebit in atti u mmarkat Dok PB1 (ara fol 103 ibid) hu seta jghid li kellu tlett fliexken bhal dawk murija lilu, qabel is-serqa. In oltre

muri fliexken bi tlett ‘price tags’ fuqhom hu seta ulterjorment jghid li “.... dawn il-‘price tags’ huma bhal dawk li jkollna fil-hanut taghna (ara il-kopja tar-rapport maghmul lill-pulizija a fol 136 kif ukoll il-‘process verbal’ a fol 186 ibid u x-xhieda ta’ Joseph Gauci a fol 210 et seq ibid u ta’ Antoinette Gauci a fol 313 et seq ibid).

k) In rigward it-tentattiv ta’ serq mill-fabbrika “Austria Tabak”, oltre li giet esebita kopja tar-rapport maghmul lill-pulizija (fol 196 ibid) gie prodott Francis Grima impjegat fl-istess fabbrika (fol 224 et seq ibid). Dan, wara li accenna ghas-sistema ta’ “alarm” stallata fl-istess fabbrika, spjega li meta kien mar fl-istess fabbrika, oltre li diga sab il-pulizija fuq il-post, ra li kien gie sgassat (‘forced entry’), il-bieb li jaghti mill-ufficju ghal gol-fabbrika, kif ukoll dak ta’ barra li kienu bil-katnazz miksur u sfurzat. In rigward hsara, hu specifika li din kienet tammonta bejn LM50 u LM70, waqt li qal li ma kien insteraq xejn (Ara wkoll ix-xhieda ta’ Charles Micallef a fol 268 et seq ibid).

l) Ghal dak li jirrigwarda s-serq mill-hanut Cl Square sitwat f’Bugibba, Martin Farrugia (fol 247 et seq ibid), fit-3 ta’ Mejju 1991, xehed li hu kien sab wiehed mill-bibien ta’ dan il-hanut, gestit minnu, li kien sgassat. In oltre kien jidher li nsterqu xorb u sigaretti b’valur ta’ LM1562.530, liema ammont kien gie rizarcit lilu mill-assikurazzjoni tieghu (ara wkoll dak li xehed l-eseprt tekniku William Casssar Torreggiani a fol 146 u 147 tal-atti).

m) Simon Attard (a fol 316 et seq ibid) u li jiggestixxi hanut bl-isem ta’ “Attard and Grima” f’San Pawl il-Bahar, semma li mill-istess hanut kienu nsterqu oggetti f’zewg okkazjonijiet matul April/Mejju tal-1991. Fiz-zewg okkazjonijiet, kien ra li l-istess hanut kellu l-bieb sgassat, waqt li specifika li r-rifurtiva kienet globalment tammonta ghal LM780, konsistenti f’xorb alkoholiku u flus kontanti.

n) Fl-ahharnett, dwar is-serqa mill-ufficji tad-ditta “Bakoush Agency Services Limited” sitwata f’Hal Balzan, gie prodott Anthony German (fol 335 et seq ibid) li kellu ic-cwievet tal-istess post fil-pussess tieghu. Dan specifika li meta kien fl-istess post kien ra l-bieb fuq quddiem li kien miftuh izda minghajr sinjali ta’ sgass, u tieqa, fuq wara, li kellha l-hgieg imkissra. Dwar oggetti neqsin, dawn kienu jikkonsisstu f’affarijiet elettronici b’valur ta’ aktar minn LM1,000.

Kif jidher mill-atti, a fol 304, waqt dawn il-proceduri sar ezami ta' komparazzjoni ta' impronti bejn dawk elevati mill-postijiet minn fejn kienu nsterqu l-oggetti kif hawn fuq spjegat u dawk elevati minn fuq l-akkuzati. Skond ir-relazzjoni sottomessa mill-espert nominat ghal dan il-ghan, irrizulta biss li kienu gew elevati impronti mill-istess postijiet appartenenti lil Massimo Aufieri.

Ikkunsidrat

Illi kif diga inghad, gew esebiti f'dawn il-proceduri diversi stqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati kif ukoll xehedu minn jeddhom u 'viva voce' l-akkuzati Noel Borg u Massimo Aufieri, oltre li giet riprodotta Silvana Pace in difesa ta' Noel Borg (Ara fol 352, 366 u 376 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi dwar l-istess stqarrijiet, il-Qorti mxiet a bazi ta' dak stipulat fl-artikoli 658 u 661 tal-Kodici Kriminali fis-sens li stqarrija tista biss tikkostitwixxi prova kontra minn jaghmilha "... and shall not operate to the pregudice of any other person". Konseg-wentement, vis-a-vis l-akkuzi migjuba kontra Noel Borg, gew kunsiderati biss l-istqarrijiet rilaxxati minnu (fol 54 u 66 u 74 tal-atti). Wara li fl-ewwel stqarrija hu ezercita d-dritt li ghandu, skond il-ligi, li jibqa sieket, pero hu stqarr, fit-tieni wahda kif kien involut fit-tentattiv ta' serq mill-fabbrika tas-sigaretti msemmija u li hija sitwata f'san Gwann, matul il-lejl in kwistjoni, u bl-uzu ta' "cutter" sabiex jinqata l-katnazz tal-access principali tal-istess lok. In oltre, internament kien gie sgassat bieb iehor. Izda hawnhekk kienet bdiet iddoqq l-'alarm' u ghalhekk ma tkomplitx titwettaq din is-serqa. Waqt il-harba kienu internvenew il-pulizija kif diga gie premess. In otlre hu spjega wkoll kif kien involut ukoll fis-serqa li saret madwar tmint'ijiem qabel fl-istabbiliment kummercjali bl-isem ta' "M4" f'Casal Attard u bl-uzu tal-istess 'cutter'. Fl-istess stqarrija hu elenka r-refurtiva fosthom mija u hdax-(111) il flixkun ta' xorb alkoholiku li nbieghu minnu lil diversi persuni bil-prezz ta' LM4 il-flixkun. Fit-tielet stqarrija rrilaxxata minnu dan l-akkuzat kien gie mistoqsi diversi domandi dwar il-'leave' li kellu u kien ha fil-perjodu

in ezami kif ukoll dwar il-karozza personali tieghu u ohrajn mikrija minnu. Meta mistoqsi, pero, dwar is-serqiet minn "Bakoush Services Limited" u "Agius Souveniers" l-akkuzat rega ghazel, kif ghandu dritt, li jibqa sieket, kif effettivament ghamel fir-raba stqarrija rilaxxata minnu.

Ikkunsidrat

Illi kif diga inghad, l-istess Noel Borg xehed 'viva voce' (fol 352 et seq ibid), wara li spjega kif kien sar habib mal ko-akkuzat Massimo Aufieri, illi hu kien impjegat fil-"Casino" u f'dan il-perjodu hu stqarr li kien involut fit-tentattiv ta' serq mill-fabbrika "Austria Tabak" liema serqa ma tkomplitx minhabba li kien daqq l-'alarm' fl-istess fabbrika, u fis-serqa li saret mill-'M4 supermarket'. Pero cahad li kien involut f'xi serqa ohra skond l-akkuzi in ezami. Dwar il-bejgh ta' xorb fil-post tal-impieg tieghu hu xehed li, fil-bidu, ma kienx jaf li dan kien misruq. Pero eventwalment "... indunajt li kien misruq u ghalhekk iddubitajt f'dik l-istorja tal-habib li kellu 'grocer' u li kien ser jaghlaq". Dwar dan il-punt, trid terga ssir referenza ghat-tieni stqarrija rilaxxata minnu fejn kien qal li kien biegh mija u hdax (111) flixkun ta' xorb alkoholiku lil diversi persuni bil-prezz gia msemmi. Ghalhekk 'ex admissis' jidher car u evidenti li l-istess akkuzat Noel Borg kien involut ukoll fil-bejgh ta' refurtiva, tenut kont ukoll ta' dak li xehedu Emmanuel Pace, Louis Borg u Carmel sive Charles Camilleri kif hawn fuq sintetizzat.

Ikkunsidrat

Illi bhala konsegwenza ta' dak li kien allega Noel Borg, fix-xhieda tieghu, xehed minn jeddu l-akkuzat Massimo Aufieri (fol 376 et seq ibid). Dan spjega li kellu biss 17 il-sena bhala eta meta kien ikkommetta l-ewwel delitt addebitat lilu. In oltre fl-istess perjodu, hu kien tkecca mill-impieg tieghu waqt li kellu jizzewweg 'b'tarbija gejja'. In rigward l-akkuzi in ezami gia ammessi minnu hu zied jindika, fix-xhieda tieghu li kien kostrett li jikkommetti dan minhabba c-cirkostanzi partikolari tieghu, kif premess, kif ukoll li gie mhajjar sabiex jikkommettihom mill-istess Noel Borg.

Ikkunsidrat

Illi pero, filwaqt li terga ssir referenza ghall-artikoli 658 u 668 gia citati, hu specifiku, u fil-fehema ta’ din il-Qorti ghandu jkun hekk, li dak stipulat fl-istess artikoli ghandu jigi estiz ukoll ghal xhieda ta’ ko-akkuzat u ghalhekk dak li jixhed ko-akkuzat ghandu jikkostitwixxi prova fil-konfront tieghu biss. In oltre, ta’ min isemmi wkoll dak li jinghad fl-artikolu 639 (3) tal-istess Kodici in konnessjoni ma’ xhieda ta’ komplici meta din ma hiex sufficjentement konfortata minn cirkostanzi ohrajn.

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in desamina ma jidhirx li din il-Qorti tista ssib lil Noel Borg hati tal-akkuzi kollha, izda tista biss tiddikjarah li kkommetta biss dawk id-delitti ammessi minnu stess kemm fl-istqarrijiet rilaxxati minnu kemm fuq ix-xhieda tieghu moghtija ‘viva voce’ quddiem din il-Qorti u dawn specifikatament huma t-tentattiv ta’ serq mill-fababrika “Austian Tabak” u serq mill-istabbiliment kummercjali “M4” sitwat f’Casal Attard, skond kif kkwalifikati kif ukoll ta’ bejgh ta’ oggetti rizultanti minn delitt. Certament, dan l-akkuzat ma jistax jinstab hati tar-rimanenti akkuzi sempliciment minhabba kiri ta’ karozza jew karozzi jew minhabba li kien ‘on leave’ meta gew kommessi s-serqiet l-ohra.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk Alan J Donnelly u Massimo Aufieri ghandhom jinstabu hatja tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom u ammessi minnhom waqt li Noel Borg jista biss jigi dikjarat li ikkommetta d-delitti hawn fuq premessi.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib:

Lil Massimo Aufieri wahdu hati talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

a) F'Hal-Balzan fil-lejl ta' bejn it-30 ta Jannar 1991 ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond Auberge san Anton Block B Flat 3 sitwat fit-triq il-Ferrovija l-Qadima Balzan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin liema serq sar ghad-detriment tal-management tal-Bakoush Services Limited ta' Hal Balzan.
b) F'Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar, fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta'April 1991, ikkommetta serq ta' diversi oggetti konsistenti fi fliexken tax-xorb spirituz, TV set tal-kulur, tal-marka Salora, zewg portable radios, zewg cameras tar-ritratti, Beach stereo set, zewg walkmans u zewg Hair dryers, l-ammont ta' 48 wrist watch, kwantita ta' films tar-ritratti u oggetti ohra mill-fond u cioe mill-hanut li jgib l-isem ta' Agius Souveniers, sitwat fit-triq il-Pijunieri f'Bugibba liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur lok u hin ghad-detriment ta' Joseph Agius minn Burmarrad.
c) F'Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar, fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' April 1991, ikkommetta serq ta' xorb spirituz, sigaretti, cameras tar-ritratti, arloggi tal-idejn, Walkmans u bolli tal-posta u xi oggetti ohra mill-fond u cioe mill-hanut Agius Tours sitwat fi Triq il-Pijunieri f'Bugibba liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u lok ghad-detriment ta' Joseph Agius minn Burmarrad.
d) F'Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar, fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' April 1991, bil-hsieb li jikkommetti reat (serq) ta' diversi oggetti mill-fond u cioe mill-hanut li jgib l-isem ta' Stars Souvenirs sitwat fit-Triq il-Pijunieri f'Bugibba wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u lok liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu ghad-detriment ta' John Agius minn Burmarrad.
e) F'San Pawl il-Bahar fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Mejju 1991, ikkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' madwar mitt lira maltin (LM100) f'muniti lokali kif ukoll l-ekwivalenti ta' madwar tlett mija u tletin liri maltin (LM300) f'karti ta' flus taljani, sigaretti, u fliexken ta' xorb spirituz mill-fond u cioe minn Attard and Grima Self Service Store sitwat f'Parades street, san Pawl il-Bahar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment ta' Simon Attard mill-Imgarr Malta.

f) Matul l-itess lejl u cioe bejn it-2 u it-3 ta' Mejju 1991 f'Bugibba limiti ta' san Pawl il-Bahar mill-fond u cioe mill-hanut li jgib l-isem ta' CI Square sitwat fi Triq il-Qroll, Bugibba, ikkommetta serq ta' diversi fliexken ta' xorb spirituz, sigarri u sigaretti, Sun Tan lotions, sapun, toys csssette tapes, oggetti tal-ikel (preserves) u xi flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u sar ghad-detriment ta' Martin Farrugia minn H'Attard.
g) F'H'Attard, matul il-lejl ta' bejn it-2 u it-3 ta' Lulju 1991 mill-fond u cioe l-M4 Supermarket sitwat fi Triq il-Mosta, H'Attard, ikkometta serq ta' diversi fliexken ta' xorb spirituz, somma flus kif ukoll diversi oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u dan ghad-detriment ta' Mark Sergeant minn Marsaskala u Louis Sergeant minn Santa Lucia.
h) Flimkien ma' persuni ohra fil-qasam industrijali ta' San Gwann, limiti ta' Birkirkara, fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Lulju 1991 bil-hsieb li jikkometti reat ta' serq mill-fond u cioe mill-fabbrika Austria Tabacco Limited (Milde Sorte) sitwata fl-imsemmi qasam industrijali, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndependenti mill-volonta tieghu, liema tentattiv ta' serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u bil-vjolenza numerika ghad-detriment tal-management tal-istess fabbrika.
i) B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rezoluzzjoni wahda, f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe bibien, twieqi, serraturi u katnazzi taghhom liema hsara tammonta ghal aktar minn LM50 izda ma tiskorrix il-Lm500 ghad-dannu ta' diversi persuni.
j) Fl-Imsida u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe l-oggetti misruqa fir-reati precedentement dedotti liema reati gew kommessi f'dawn il-gzejjer (Malta) jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U dan skond l-artikoli

a) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali.
b) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali.
c) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali.
d) 41 (1) (a), 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali
e) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali
f) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279 tal-Kodici Kriminali.
g) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 279, tal-Kodici Kriminali
h) 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c) (e) (f), 262 (1) (b), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 276, 277, 278 (1) (2) (3), 279, tal-Kodici Kriminali
i) 18, 325 tal-Kodici Kriminali.
j) 334 tal-Kodici Kriminali.
k) 533 tal-Kodici Kriminali.

Lil Alan Joseph Donnelly hati talli fil-qasam industrijali ta' San Gwann, limiti ta' Birkirkara, fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Lulju 1991 bil-hsieb li jikkometti reat ta' serq mill-fond u cioe mill-fabbrika Austria Tabacco Limited (Milde Sorte) sitwata fl-imsemmi qasam industrijali, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndependenti mill-volonta tieghu, liema tentattiv ta' serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u bil-vjolenza numerika ghad-detriment tal- management tal-istess fabbrika u dan skond l-artikoli 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c) (e) (f), 262 (1) (b)263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 276, 277, 278 (1) (2) (3), 279,u 533 tal-Kodici Kriminali

**Lil Noel Borg filwaqt li ssibu mhux hati tal-akkuzi talli:**

a) F'Hal-Balzan, fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Jannar 1991 ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond Auberge san Anton Block B Flat 3 sitwat fit-triq il-Ferrovija l-Qadima Balzan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u

hin liema serq sar ghad-detriment tal-management tal-Bakoush Services Limited ta’ Hal Balzan.
b) F’Bugibba limiti ta’ San Pawl il-Bahar, fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’April 1991, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti konsistenti fi fliexken tax-xorb spirituz, TV set tal-kulur, tal-marka Salora, zewg portable radios, zewg cameras tar-ritratti, Beach stereo set, zewg walkmans u zewg Hair dryers, l-ammont ta’ 48 wrist watch, kwantita ta’ films tar-ritratti u oggetti ohra mill-fond u cioe mill-hanut li jgib l-isem ta’ Agius Souveniers, sitwat fit-triq il-Pijunieri f’Bugibba liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur lok u hin ghad-detriment ta’ Joseph Agius minn Burmarrad.
c) F’Bugibba limiti ta’ San Pawl il-Bahar, fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ April 1991, ikkommetta serq ta’ xorb spirituz, sigaretti, cameras tar-ritratti, arloggi tal-idejn, Walkmans u bolli tal-posta u xi oggetti ohra mill-fond u cioe mill-hanut Agius Tours sitwat fi Triq il-Pijunieri f’Bugibba liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u lok ghad-detriment ta’ Joseph Agius minn Burmarrad.
d) F’Bugibba limiti ta’ San Pawl il-Bahar, fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ April 1991, bil-hsieb li jikkommetti reat (serq) ta’ diversi oggetti mill-fond u cioe mill-hanut li jgib l-isem ta’ Stars Souveniers sitwat fit-Triq il-Pijunieri f’Bugibba wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u lok  liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu ghad-detriment ta’ John Agius minn Burmarrad.
e) F’San Pawl il-Bahar fil-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Mejju 1991, ikkommetta serq ta’ flus fl-ammont ta’ madwar mitt lira maltin (LM100) f’muniti lokali kif ukoll l-ekwivalenti ta’ madwar tlett mija u tletin liri maltin (LM330) f’karti ta’ flus taljani, sigaretti, u fliexken ta’ xorb spirituz mill-fond u cioe minn Attard and Grima Self Service Store sitwat f’Parades street, san Pawl il-Bahar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment ta’ Simon Attard mill-Imgarr Malta.
**f)** Matul l-itess lejl u cioe bejn it-2 u it-3 ta’ Mejju 1991 f’Bugibba limiti ta’ san Pawl il-Bahar mill-fond u cioe mill-hanut li jgib l-isem ta’ CI Square sitwat fi Triq il-Qroll, Bugibba, ikkommetta serq ta’ diversi fliexken ta’ xorb spirituz, sigarri u sigaretti, Sun Tan lotions, sapun, toys

csssette tapes, oggetti tal-ikel (preserves) u xi flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u sar ghad-detriment ta’ Martin Farrugia minn H’Attard, **U tilliberah minnhom.**

**Issibu hati talli:**

a) F’H’Attard, matul il-lejl ta’ bejn it-2 u it-3 ta’ Lulju 1991 mill-fond u cioe l-M4 Supermearket sitwat fi Triq il-Mosta, H’Attard, ikkometta serq ta’ diversi fliexken ta’ xorb spirituz, somma flus kif ukoll diversi oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u dan ghad-detriment ta’ Mark Sergeant minn Marsaskala u Louis Sergeant minn Santa Lucia.
b) Flimkien ma’ persuni ohra fil-qasam industrijali ta’ San Gwann, limiti ta’ Birkirkara, fil-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Lulju 1991 bil-hsieb li jikkometti reat ta’ serq mill-fond u cioe mill-fabbrika Austria Tabacco Limited (Milde Sorte) sitwata fl-imsemmi qasam industrijali, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndependenti mill-volonta tieghu, liema tentattiv ta’ serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u bil-vjolenza numerika ghad-detriment tal- management tal-istess fabbrika.
c) F’diversi postijiet f’dawn il-gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe bibien, twieqi, serraturi u katnazzi taghhom liema hsara tammonta ghal aktar minn LM50 izda ma tiskorrix il-Lm500 ghad-dannu ta’ diversi persuni
d) Ma’ persuni ohra u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b’reat u cioe l-oggetti misruqa fir-reati precedentement dedotti liema reati gew kommessi f'dawn il-gzejjer (Malta) jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U dan skond l-artikoli:
a) 18, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 20, 279, tal-Kodici Kriminali

b) 41 (1) (a), 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 270, 276, 277, 278 (1) (2) (3), 279, tal-Kodici Kriminali
c) 18, 325 tal-Kodici Kriminali.
d) 334 u 533 tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena jidher mill-fedina penali tal-akkuzati (fol 13 u 14 u 15 tal-istess atti), illi Alan Joseph Donnelly, sa dan il-kaz kellu fedina penali nadifa ghal kollox u ghalhekk jikkwalifika u jisthoqqlu li jigi kkunsidrat bhala 'a first time offender' skond l-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta gia artikolu 9 tal-Kapitolu 152 ibid, illi Massimo Aufieri kellu wkoll fedina penali netta u nadifa ghal kollox waqt li Noel Borg kien instab hati biss ta' zewg kontravenzjonijiet kontra r-regolamenti tat-traffiku.

Minhabba hekk izda, tenut kont ukoll tar-reati gravi addebitati lil dawn iz-zewg akkuzati u li taghhom instabu hatja, jkun opportun li kemm Massimo Aufieri, kemm Noel Borg jinghataw piena karcerarja izda sospiza skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jekk ikun hemm bzonn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-istess Kodici minhabba dak premess in rigward il-kondotta taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lil **Massimo Aufieri** ghal piena ta' **sentejn prigunerija sospiza ghal perjodu ta' tlett snin** bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor suggett ghal piena ta' prigunerija fl-istess perjodu ta' tlett snin u lil **Noel Borg** ghall-piena **ta' sena prigunerija sospiza ghal perjodu ta' tlett snin** bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor, suggett ghall-prigunerija fl-istess perjodu ta' tlett snin waqt li in rigward **Alan Joseph Donnelly** tordna li dan jigi **liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn u dan skond l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

***In oltre, wara li rat l-Artikolu 533 citat, tordna li l-akkuzati, "in solidum" ihallsu l-ispejjes kollha in konnessjoni ma' nomina u konferma ta' esperti waqt dawn il-proceduri.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------